MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 825/1995/2

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi**

**vs**

**Victor Aquilina, Sharon Spiteri u Avukat Dottor Austin Bencini**

**Il-Qorti;**

**Preliminari**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru, 1999. Permezz ta’ citazzjoni prezentata fit-22 ta’ Gunju, 1995 l-attur, wara li ppremetta li l-konvenuti kienu l-editur, awtur [recte: awtrici] u stampatur rispettivament tal-gurnal “The Times”; li fil-harga tal-21 ta’ Gunju, 1995 f’pagna 4 gie pubblikat rapport intestat “Lawyer Found In Contempt of Court”; li permezz ta’ dan ir-rapport huma tawh malafama billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku; illi bhala fatt hu ma kienx gie misjub hati ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti; u li ghalhekk kellu dritt ghad-danni kontemplati fil-ligi ta’ l-istampa; premess dan kollu l-attur talab lill-konvenuti jghidu ghala ma kellhiex dik il-Qorti (**1**) tiddikjarahom li tawh malafama bl-istampar fuq imsemmi li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tieghu, u (**2**) tikkundanna lil kull wiehed minnhom ihallsu dik is-somma determinata f’ammont li ma jeccedix l-elfejn lira bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama li huwa sofra b’dik il-pubblikazzjoni, bl-imghax legali u bl-ispejjez u hlas ta’ V.A.T. kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

**L-eccezzjonijiet tal-konvenuti**

Il-konvenuti issollevaw hames eccezzjonijiet. <u>L-ewwel</u> eccezzjoni kienet fis-sens li huma kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li l-procedura bil-miktub ma kienitx giet maghluqa fiz-zmien perentorju ta’ sitt xhur kif trid il-ligi[1]. <u>It-tieni</u> eccezzjoni kienet li l-pubblikazzjoni *de quo* hija privileggjata ai termini ta’ l-Artikolu 33(e)[2] tal-Kap. 248. <u>It-tielet</u> eccezzjoni migjuba kienet li “l-istampat *de quo* mhux libelluz u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur”. <u>Fir-raba’</u> lok eccepew, subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, li fil-harga tal-gurnata ta’ wara, cioe` tat-22 ta’ Gunju, 1995, giet pubblikata apologija u ghalhekk huwa l-kaz li jigi applikat l-Artikolu 28(2) tal-Kap. 248. <u>Fl-</u>

[1] Din l-eccezzjoni giet michuda mill-ewwel qorti u minnha l-konvenuti ma humiex qed jappellaw.
[2] Illum 33(d).

ahharnett eccepew illi l-Avukat Dott. Austin Bencini ma kienx qara l-artikolu *de quo* qabel il-pubblikazzjoni tieghu.

**Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti**

Permezz tas-sentenza tal-5 ta' Novembru, 1999 l-ewwel Qorti (**1**) cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, (**2**) cahdet it-tieni eccezzjoni safejn tolqot il-parti tar-rapport li tghid li l-attur kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, izda laqghetha ghall-bqija, (**3**) cahdet it-tielet eccezzjoni, (**4**) laqghet l-ewwel talba ta' l-attur u ddikjarat li dik il-parti tar-rapport li deher fil-harga tal-21 ta' Gunju, 1995 ta' "The Times" li tghid li l-imsemmi attur kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti taghtih malafama, u (**5**) wara li qieset ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet, laqghet it-tieni talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-attur bhala danni s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) flimkien ma' l-imghax skond it-talba, b'dan illi r-responsabbilta` tal-konvenut Avukat Austin Bencini hija limitata ghas-somma ta' mija u hamsin lira (Lm150) u l-imghax relattiv. Kwantu ghall-ispejjez, dik il-Qorti ordnat li dawn, hlief ghal dawk decizi fil-provvediment tat-13 ta' Gunju, 1997[3] kellhom ihallsuhom il-konvenuti. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

"Il-fatti graw hekk:

***Is-Seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati***

L-attur, l-Avukat Azzopardi, kien qieghed jassisti lil certu Olaf Cini fi proceduri gudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Peter Paul Zammit) *versus* Olaf A. Cini**. Kienet saret seduta fit-2 ta' Mejju 1995, izda l-Avukat Azzopardi ma kienx deher f'dik is-seduta. Saret seduta ohra fis-16 ta' Mejju 1995, u dak in-nhar deher l-Avukat Azzopardi u fisser lill-qorti ghala ma kienx deher fis-seduta ta' qabel:

---

[3] Provvediment li kien jitratta dwar il-producibilita` ta' xhud partikolari.

………………..spjega lill-qorti li ma kienx f'pozizzjoni li jattendi *stante* li ghadu ma iffinalizzax ir-rapport professjonali tieghu ma' l-imputat.

Il-qorti iddifferiet il-kawza ghall-20 ta' Gunju 1995 ghat-trattazzjoni finali, b'dan illi 'jekk terga' tirrepeti ruhha s-sitwazzjoni' l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Fl-20 ta' Gunju 1995 l-Avukat Azzopardi ma deherx, ghalkemm issejjah kemm-il darba. Olaf Cini fisser lill-qorti ghala l-avukat tieghu ma deherx:

L-imputat Olaf A. Cini informa lill-qorti illi l-avukat ta' fiducja tieghu dalghodu stess fil-kuridur tal-qorti staqsa lill-istess imputat jekk gablux il-kumplament ta' l-onorarju minnu mitlub. L-imputat informa lill-qorti li hu wiegeb lill-avukat ta' fiducja tieghu fis-sens li ma kienx ser jaghtih flus aktar minn dak li diga` tah.

Cini mbaghad qal li xtaq iqabbad avukat iehor, u l-verbal tas-seduta jkompli hekk:

Il-qorti tirrileva illi din it-talba f'dan l-istadju tal-proceduri hija wahda sfjoranti d-disprezz izda minhabba c-cirkostanzi kif spejgat mill-imputat tiddifferixxi l-kawza ghall-ahhar darba…………

Ghalkemm ix-xiehda ta' x'gara waqt seduta quddiem qorti hija dik li tohrog mill-verbal ta' dik is-seduta, il-konvenuti, fit-23 ta' Jannar 1997, talbu lil din il-qorti li jressqu lill-Ispettur Peter Paul Zammit biex jixhed dwar x'gara aktar waqt is-seduta tal-20 ta' Gunju 1995 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). B'dikriet tat-13 ta' Gunju 1997 din il-qorti laqghet it-talba u l-Ispettur Zammit xehed fl-24 ta' Frar 1998.

Fost affarijiet ohra, dan ix-xhud qal hekk:

………………il-magistrat talab illi jigi l-avukat…… Dr Tonio Azzopardi. Sejjahnielu; ma deherx. Talab Olaf Cini illi jkellem lill-qorti………u l-magistrat staqsih l-ghaliex ma deherx. Dak il-hin Olaf Cini qal illi ma deherx ghaliex ma

jafx ezattament; ir-raguni pero` qal illi kien hallsu u ried aktar flus u ma kellux u ma setax jidher.

……….

Cifri issemmew varji, u tra memoria niftakar illi kien hemm allegazzjoni li thallset is-somma ta' tlitt elef lira (Lm3,000), li talbu sitt elef lira (Lm6,000) ohra u t-total ta' disat elef lira (Lm9,000) ma kienx possibbli li jhallsu l-istess Olaf Cini.

……….

…………baqa' ma deherx Dr Tonio Azzopardi.  Jiena ipprovajt inzomm il-kalma tal-magistrat; ………sibt ruhi kwazi se ninsab jien hati ta' disprezz ghax qed nipprova naghmilha ta' l-avukat tad-difiza, u dak il-hin il-magistrat iddetta verbal illi jiena hadtu fil-konfront tieghi personali, li jekk niftah halqi se ninstab hati jien ta' disprezz lejn il-qorti, u fil-konfront ta' Dr Tonio Azzopardi, illi fhimtu dak il-hin illi nstab hati ta' disprezz – ghaliex ma deherx – lejn il-qorti.

……….

Li nista' nghid li l-magistrat dak il-hin kien irrabjat hafna; jiena fhimt illi sabu hati ta' disprezz…….

……….

Id-diskors dam forsi tlieta, hames minuti.  Kien hemm agitazzjoni ferm qawwija min-naha tal-magistrat l-ghaliex ma deherx Dr Tonio Azzopardi. ……. *I was practically shouted down*: "ieqaf; titkellem xejn izjed ghax se nsib lilek hati ta' disprezz tal-qorti!"  Ma stajt naghmel assolutament xejn f'dawk ic-cirkostanzi hlief li Olaf Cini jerga' jirrikonferma lill-magistrat illi hallsu tlitt elef lira (Lm3,000) u jrid sitt elef lira (Lm6,000) ohra "u m'ghandix minn fejn intihomlu" u l-magistrat ighid li dawn mhux affarijiet sew u m'ghandhomx isiru hekk.

***L-Artikolu fil-Gazzetta***

L-ghada li saret is-seduta, fil-harga ta' The Times deher dan l-artikolu:

**Lawyer found in contempt of court**

A lawyer was found in contempt of court yesterday for failing to appear before a magistrate hearing the final stages of a bigamy case.

Magistrate Dr Silvio Meli found Dr Tonio Azzopardi in contempt after he heard his client, Olaf Cini, claim his cousel had not appeared because he had failed to meet demands for an exorbitant fee.

Cini told the court he paid the lawyer Lm3,000 but had been asked to deliver a further Lm6,000.

The magistrate said the issue was between the client and his lawyer and they had had enough time to discuss it.

He put off the case to June 28 for Cini to find another lawyer or wait for judgement.

L-Ispettur Zammit kien mitlub ighid jekk dak li migjub fl-artikolu jaqbilx ma' dak li tassew gara waqt is-seduta, u wiegeb hekk:

Effettivament jirrifletti dak illi gara fl-awla *in short* ………….. Kien hemm hafna izjed fl-awla li ntqal dak il-hin. Li hawnhekk forsi nista' nikkummenta min-naha tieghi – it-tieni paragrafu, "*Magistrate Dr Silvio Meli found Dr Tonio Azzopardi in contempt after he heard his client Olaf Cini* …….” – kif graw l-affarijiet…… dik hija l-impressjoni li hadt li effettivament sehh dak il-hin.

Fil-fatt, izda, l-artikolu ma kienx jaqbel sew ma' dak li tassew gara, aktar u aktar fir-rubrika tieghu – *LAWYER FOUND IN CONTEMPT OF COURT* – ghax, kif jidher car mill-verbal tas-seduta, ma hux minnu li l-attur instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti.

L-attur ghalhekk gharraf b'dan lill-gurnalista li kienet kitbet l-artikolu – il-konvenuta Sharon Spiteri – u baghtilha wkoll kopja tal-verbal. L-ghada li kien deher l-ewwel artikolu deher artikolu iehor li jibda hekk:

**Lawyer not found in contempt of court**

Lawyer Dr Tonio Azzopardi was not found in contempt of court as reported yesterday. The report wrongly said Dr Azzopardi was found in contempt because he did not appear when called before the court.

The word 'contempt' was only mentioned in the magistrate's ruling in the context of a plea made by defendant Olaf A. Cini for the replacement of his lawyer, Dr Azzopardi.

L-artikolu jkompli billi jaghti verzjoni bl-ingliz tal-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 1995 quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u jispicca hekk:

Any inconvenience caused to Dr Azzopardi is regretted.

L-attur qed ighid illi l-ewwel artikolu jaghtih malafama ghal zewg ragunijiet: ghax qal li kien instab hati ta' disprezz meta dan ma kienx minnu; u ghax qal li lil Olaf Cini talbu drittijiet li telghu ghal disat elef lira (Lm9,000) u li ma deherx biex jassisti lill-klijent tieghu quddiem il-qorti ghax il-klijent ma hallsux din l-"*exorbitant fee*".

**DWAR L-IMMUNITA` MINN AZZJONI GUDIZZJARJA**

Il-konvenuti ressqu l-eccezzjonijiet illi l-artikolu jgawdi mill-privilegg taht l-art.33(e) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Istampa:

33. Ma tisa' tittiehed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li gejjin:

………

(e) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti tal-gustizzja f'Malta, kemm-il darba dawk ir-rapporti jkunu rapporti gusti tal-procedimenti……

Iz-zewg ilmenti ta' l-attur irridu nqisuhom wiehed wiehed, ghax waqt li r-rapport li hu nstab hati ta' disprezz ma kienx rapport gust tal-procedimenti, u ghalhekk ma jgawdix mill-privilegg, jidher li r-rapport li Cini kien qal li l-attur kien talbu, b'kollox, disat elef lira (Lm9,000) kien tassew rapport gust ta' dak li kien qal Cini, izda tqum il-kwistjoni jekk dak li qal Cini kienx jew le parti mill-procedimenti.

**Ir-rapport li l-Attur instab hati ta' Disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti**

L-attur ma kienx instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, u ghalhekk l-artikolu, fir-rubrika tieghu safejn qal li l-attur instab hati ta' disprezz, ma kienx rapport gust tal-procedimenti. It-tieni eccezzjoni, relativament ghal din il-parti ta' l-artikolu, hija michuda.

Il-konvenuti fittxew li jnaqqsu l-htija taghhom talli ghamlu rapport hazin billi wrew li s-seduta kienet wahda xi ftit agitata, fejn intilfet is-serenita` tal-procedura gudizzjarja, u li kien minhabba f'hekk li l-gurnalista fehmet hazin dak li gara. Urew ukoll li anke l-ufficjal prosekutur fehem hazin dak li gara, ghax dan l-ufficjal ukoll fehem li l-attur kien instab hati ta' disprezz.

Fil-fehma tal-qorti, izda, il-fatt li s-seduta kienet daqstant agitata – u ghalhekk kien aktar facli li jsiru l-izbalji u li tifhem hazin dak li jkun gara – kellu jfisser li l-gurnalista kellha dmir tfittex li tara l-verbal jekk tassew riedet taghti rapport gust ta' dak li gara, u mhux tistrieh fuq impressjonijiet li hadet f'waqt ta' tensjoni fl-awla. Il-gurnalista kellha ghazla: jew li tiehu l-hin mehtieg biex tara sew l-affarijiet; jew li taqbad u tippubblika biex taghmel *scoop* gurnalistiku. Li ghamlet l-ewwel ghazla kienet tevita li taghmel hsara lil haddiehor; billi ghamlet it-tieni ghazla l-gurnal taghha kien fost ta' l-ewwel li gab ahbar li, mad-daqqa ta' ghajn, dehret wahda sensazzjonali. Il-gurnalista fissret l-ghazla taghha hekk: "Qbadt u

ippubblikajt ghaliex kont fl-awla u deherli li fhimt tajjeb". Ma stennietx li tara l-verbal ghax "kieku kull darba noqghod nistenna l-verbal, ir-rapporti qatt ma jidhru"; kieku stenniet, seta' jigri li haddiehor jippubblika qabilha ghax "kien hemm *reporters* ta' gazzetti ohra fl-awla".

L-interess tal-gurnalisti li jxandru l-ahbarijiet b'attwalita` huwa interess legittimu; izda ma hux interess li quddiemu ghandu jcedi l-jedd ta' haddiehor ghall-fama tieghu. Ghalhekk, l-interess tal-gurnalista li tippubblika l-ahbar qabel haddiehor ma jehlishiex mill-htiega li tivverifika l-ahbar, aktar u aktar meta dik l-ahbar tista' tkun ta' hsara ghal haddiehor.

Fil-kaz tallum, l-ahbar tassew ghamlet hsara lill-fama ta' l-attur. Avukat, bhal ma hu l-attur, ghandu dmirijiet u setghat li huma importanti ghal-amministrazzjoni tal-gustizzja, u huwa wiehed mill-ufficjali fl-istruttura gudizzjarja biex, permezz tieghu wkoll, il-qorti tkun tista' taghmel gustizzja. Jekk, flok ighin lill-qorti taghmel gustizzja, ifixkilha tant li l-qorti jkollha ssibu hati ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha, l-avukat ikun qed jonqos b'mod gravi fil-qadi tad-dmirijiet tieghu. Ghalhekk, li tghid li avukat instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti jfisser li dak l-avukat naqas fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, u dan ikun ta' hsara ghall-fama ta' dak l-avukat.

Ghal din ir-raguni, il-qorti ssib li l-artikolu, fil-parti tieghu fejn ighid li l-attur insab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, jaghti malafama lill-attur, u t-tielet eccezzjoni, relattivament ghal din il-parti ta' l-artikolu, hija michuda.

**Ir-rapport li l-Attur talah Hlas esaggerat minghand il-Klijent tieghu**

It-tieni lment ta' l-attur hu li ma hux minnu li hu kien talab lil Cini jhallsu disat elef lira (Lm9,000) b'kollox. Huwa fatt li, ghalkemm l-attur qieghed jichad li talab daqshekk, Cini ghamel din l-allegazzjoni waqt is-seduta, u l-artikolu *de quo* jirraporta sew dan il-fatt. Ghalhekk, jekk dan il-fatt jitqies parti mill-procediment, l-artikolu jkun privileggjat ghax huwa rapport gust tal-procediment.

L-attur izda qieghed ighid illi, ladarba Cini ma ghamilx bil-gurament l-istqarrija dwar kemm hlas talbu l-avukat, l-istqarrija ma tistax titqies parti mill-procediment. Biex isahhah dan l-argument tieghu, l-attur semma sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Lulju 1998 *in re* **Dr Lawrence Pullicino *versus* Gaetano Pace**. Din is-sentenza kienet qalet li ghalkemm xhud igawdi minn immunita` dwar dak kollu li jixhed bil-gurament, dan il-privilegg ma jolqotx ukoll dak li jghid qabel ma jiehu l-gurament, ukoll jekk ighidu fl-awla waqt li tkun miexja s-seduta:

…………il-privilegg moghti lil persuna li ser tixhed jibda jsehh biss meta persuna titla' fil-pedana tax-xhieda u tiehu l-gurament, u mhux qabel…….

Fil-fehma ta' din il-qorti, izda, il-fatt li dak li jghid xhud, meta ma jkunx taht gurament, ma hux privileggjat ma jfissirx bilfors li dak li jghid ma jkunx ukoll parti mill-procediment. Il-kwistjoni llum ma hix jekk Cini jgawdix minn immunita' dwar dak li qal; il-kwistjoni hi jekk il-konvenuti, meta gabu dak li qal Cini, kinux qeghdin jaghtu rapport tal-procediment.

l-intervent ta' Cini waqt is-seduta tal-20 ta' Gunju 1995 kien verbalizzat, u l-fatt li hu migjub fil-verbal jaghmlu parti mill-procediment. Ghalkemm ir-rapport tal-konvenuti jghid aktar minn dak li jghid il-verbal, xorta jibqa' li hu rapport dwar il-procediment. Ladarba r-rapport igib fedelment dak li qal Cini, huwa rapport gust tal-procediment, ghalkemm dak li qal Cini jista' jkun li ma hux minnu.

Ghalhekk, din il-parti tar-rapport tgawdi mill-privilegg taht l-art. 33(e) ta' l-Att dwar l-Istampa, u t-tieni eccezzjoni, dwar din il-parti, sejra tintlaqa'.

**DWAR IL-*QUANTUM* TAD-DANNI**

Fadal ghalhekk li nqisu d-danni li ghandu jiehu l-attur minhabba l-malafama li saritlu b'dik il-parti tar-rapport li tghid li kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti.

Dwar il-*quantum* tad-danni, il-konvenuti ressqu l-eccezzjoni taht l-art. 28(2) ta' l-Att dwar l-Istampa:

**28.** (1) Fil-kaz ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hamest elef lira.

(2) F'kull kaz li ghalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun ghamel jew offra li jaghmel apologija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni ghad-danni jew kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunita` li hekk jaghmel f'kaz li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunita` li jaghmel jew li joffri li jaghmel dik l-apologija.

Izda l-konvenut ma jistax igib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun gieb il-prova tal-verita' skond l-artikolu 12 ta' dan l-Att.

Billi l-konvenuti pubblikament ghamlu apologija fl-ewwel okkazjoni li kellhom, l-ghada li kien pubblikat l-artikolu, il-qorti hija tal-fehma li din l-apologija ghandha tiswa biex tnaqqas id-danni. Tassew li l-attur kien tal-fehma li l-apologija ma saritx sew. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu qal hekk:

Ta' min isemmi u jenfasizza illi l-ghada ta' l-ewwel rapport, il-konvenuti ippublikaw it-tieni rapport: *LAWYER NOT FOUND IN CONTEMPT OF COURT*. Il-konvenuti, minflok ma illimitaw ruhhom ghal semplici korrezzjoni ta' l-ewwel ahbar falza, *splash*jaw aktar materjal dwar l-incident, u dan avolja meta l-konvenuta kellmet lill-esponent fil-21 ta' Gunju 1995 huwa kien cahad bil-qawwa kollha dak li qal fuqu Cini. Xi htiega kien hemm li jaghtu aktar riljev lill-incident wara li ……..kellhom il-falzita` ta' l-akkuzi cara quddiemhom? Ghalhekk, it-tieni rapport, filwaqt li gab korrezzjoni tat-titolu, zgur li ma

immitiga xejn il-hsara meta irriproduca l-verbal. *To prove a point*, cioe` li kellhom dritt jirrapurtaw, irriproducew il-verbal avolja kienu jafu li dak li qal Cini dwar l-avukat tieghu kien falz.

Il-konvenuti, izda, ma kellhom ebda dmir li jzommu mistur l-incident; id-dmir taghhom kien li jaghtu rapport tajjeb ta' x'gara waqt is-seduta, u mhux li jiggudikaw bejn l-attur u l-klijent tieghu. Ladarba kienu gabu rapport hazin fl-ewwel artikolu, ghamlu sew li gabu l-verbal shih, ghax dak huwa l-aktar rapport awtentiku ta' x'gara waqt is-seduta.

L-ahhar eccezzjoni, li wkoll hija dwar il-*quantum* tad-danni, hija dik ta' l-Avukat Austin Bencini, l-istampatur, u tghid illi dan il-konvenut ma qarax l-artikolu qabel ma kien stampat. Il-fatt li l-istampatur ma mexiex xjentement inaqqas ir-responsabilita` tieghu, ghalkemm ma jehilsux minn kull htija. Dan il-fatt, ghalhekk, jiswa biex inaqqas id-danni li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb l-Avukat Bencini.

F'dan il-kuntest il-qorti trid tghid li tapprezza l-lejalta` li wrew il-konvenuti meta semmew is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-1 ta' Ottubru 1991 *in re* **Onor. Dr Guido Demarco *versus* Felix Agius et** ghalkemm dik is-sentenza tmur kontra l-hames eccezzjoni taghhom. Din il-qorti, bir-rispett lejn il-Qorti ta' l-Appell, ma tarax li l-art. 1050 tal-Kodici Civili huwa relevanti ghall-kawza tallum, ghax dak l-artikolu jittratta dwar danni materjali, waqt li fil-kawza tallum id-danni huma morali. Fil-fehma ta` din il-qorti, ladarba f'idejn il-qorti hija mhollija diskrezzjoni biex tillikwida l-*quantum* tad-danni, il-qorti ghandha wkoll is-setgha li tqis fatturi differenzjali relevanti li validament iqieghdu lil uhud mill-konvenuti f'qaghda differenti minn dik ta' konvenuti ohrajn. Il-fatt li l-istampatur ma jkunx jaf, u ma hux mehtieg, ghall-qadi sew tad-dmirijiet tieghu, li jkun jaf, x'fih l-artikolu huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, fattur differenzjali relevanti."

**L-appell u l-appell incidentali**

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza limitatament in kwantu l-ewwel qorti cahdet in parti it-tieni eccezzjoni taghhom kif ukoll in kwantu cahdet *in toto* it-tielet eccezzjoni taghhom. Minn naha tieghu, l-Avukat Dott. Tonio Azzopardi appella incidentalment. Huwa jikkontendi li l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li parti mir-rapport kien kopert bil-privilegg tal-Artikolu 33(e) tal-Kap. 248; huwa jilmenta wkoll mill-*quantum* tad-danni u jikkontendi li dawn id-danni kellhom jigu likwidati f'ammont ghola minn tlett mitt lira. Huwa evidenti li l-ewwel aggravju tal-konvenuti u l-ewwel aggravju tal-attur jistghu jigu trattati flimkien.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mis-sentenza hawn aktar 'l fuq riportata huwa evidenti li l-ewwel qorti irriteniet li in kwantu fir-rapport li deher fil-21 ta' Gunju, 1995 inghad li l-attur kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti – haga li rrizultat li ma kienitx vera – dan kien jammonta ghal libell; izda in kwantu l-istess rapport jirriproduci dak li qal Olaf Cini fir-rigward tat-talbiet ghal flus da parti tal-konvenut dan, ghalkemm kontestat mill-konvenut fis-sens li jghid li dak li qal Cini ma kienx veru, kien jammonta ghal pubblikazzjoni ta' rapport ta' procediment f'qorti liema rapport kien gust ("fair" fit test Ingliz) u li ma kienx projbit b'ligi jew mill-Qorti (Art. 33(e), illum Art. 33(d), Kap. 248). Il-konvenuti jirritjenu li in kwantu gie riportat li Dott. Azzopardi kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti dan kien ukoll kopert bl-Artikolu 33(e) imsemmi. F'dan ir-rigward l-ilment tal-konvenuti hu formulat hekk:

"Ghal dak li jirrigwarda d-disprezz, l-Ewwel Qorti strahet biss fuq dak li kien hemm fil-verbal tas-seduta u skartat dak li xehdet il-konvenuta Sharon Spiteri kif korroborata mill-Ispettur Peter Paul Zammit li effettivament fehmu li l-attur kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Il-fatt illi forsi dak il-hin dan ma giex ivverbalizzat, anke skond ma qalet l-Ewwel Qorti li l-verbal mhux il-bidu u t-tmiem tal-procediment, ma jnehhi xejn mill-fatt illi waqt il-procediment l-attur instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Allura bilfors irid isegwi illi r-rapport dwar id-

disprezz huwa wkoll kopert mill-privilegg sancit bl-artikolu 33(e) ta' l-Att dwar l-Istampa".

Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. Fehmu x'fehmu l-konvenuta Sharon Spiteri u x-xhud Spettur Peter Paul Zammit, il-fatt jibqa' li f'ebda hin l-attur ma instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Bhala gurnalista li kienet sejra tirraporta xi haga li evidentement kienet ser titfa' dawl ikrah fuq avukat, l-imsemmija konvenuta kellha l-obbligu li tivverifika sew dak li kien gara u dak li kien inghad, u mhux tistrieh fuq l-impressjoni taghha u forsi ta' haddiehor. Setghet, per ezempju, talbet kopja tal-verbal – dan, bhala verbal dettat mill-Qorti *in open court* kien jammonta ghal "att" li "inqara" fil-qorti bil-miftugh, u ghalhekk seta jarah kull min irid u setghet ukoll tintalab kopja tieghu versu l-hlas tas-solitu dritt (ara t-tieni parti tal-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali). L-imsemmija konvenuta setghet ukoll tivverifika ma' l-iskrivan ta' l-awla biex tara jekk dak li kienet semghet kienx korrett o meno. Invece, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, hija ghazlet *to rush into print* biex tippublika l-ahbar qabel haddiehor, u spiccat biex ippublikat fatt li kien kompletament falz. Ghalhekk, b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jinghad li r-rapport li kien jghid li Dott. Azzopardi kien instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kien rapport "gust" fis-sens tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 33 imsemmi. Il-konvenuti jikkontendu inoltre illi mill-provi jirrizulta li r-rapport kien zball genwin u li ghalhekk kien "hemm karenza assoluta ta' kull *animus injuriandi*". Anke hawn din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuti appellanti. Hija gurisprudenza pacifika kemm fil-kamp penali[4] kif ukoll f'dak civili[5] li meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-*animus injuriandi* huwa prezunt. Kif jinghad f'**Carter-Ruck on Libel and Slander**[6]:

---

[4] Ara, *inter alia*, ***Il-Pulizija v. Rev. Dr. Joseph Bezzina u Joseph Debono*** App. Krim., 26/4/2002.

[5] Ara, *inter alia*, ***L-Onor. Professur John Rizzo Naudi v. Felix Agius et.*** Qorti ta' l-Appell, 13/5/1997, Vol. LXXXI.ii.533.

[6] Butterworths (London) 1985.

**The question of whether the defendant intended to defame the plaintiff is irrelevant, so far as the essential ingredients of an action for defamation are concerned…It is sometimes said that malice is presumed but in the sense in which the expression is used in order to found an action for defamation it appears to bear a meaning similar to intention and must not be confused with the expression "express malice", meaning spite or ill-will or some wrong or improper motive.** [7]

Fl-istess sens jinghad f'**Gatley on Libel and Slander**[8]:

**"The rule is well settled that the true intention of the writer of any document, whether it be contract, will or libel, is that which is apparent from the natural and ordinary interpretation of the written words." The rule is the same in slander. The meaning in which the defendant intended the words to be understood, though material on the question of damages, is immaterial in determining whether the words are defamatory or not. The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. "Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation." "The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used." "It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of a libel," but "what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it."** [9]

Ma hemmx dubbju illi l-pubblikazzjoni ta' kliem fis-sens li avukat instab hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti

[7] *op. cit.* p. 31.
[8] Sweet & Maxwell (London) 1981.
[9] *op. cit.* para. 89, pp. 45-46.

ghandhom l-ghan intrinsiku li jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni tieghu. Stabbilit li dan il-fatt ma kienx veru u li l-pubblikazzjoni – in kwantu ghal dana l-fatt – ma tammontax ghal rapport gust ta’ procediment f’qorti, titnissel ir-responsabbilta` ghad-danni skond l-Artikolu 28 tal-Kap. 248. Ghalhekk l-appell tal-konvenuti qed jigi respint.

Kwantu ghall-appell (incidentali) tal-attur, dan jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li dik il-parti tar-rapport li kienet tirriproduci dak li Cini qal fil-konfront ta’ flus li allegatament talbu Dott. Azzopardi ma kienitx libelluza. Din Il-Qorti ma taqbilx. Dak li qal Cini, ghalkemm mhux minn fuq il-pedana tax-xhieda jew bil-gurament, kjarament kien jifforma parti integrali minn dak li kien qed isir fil-kawza fil-konfront tieghu. Dan gie rapputat “fairly and accurately”, u ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghala fil-konfront ta’ din il-parti tar-rapport m’ghandux japplika l-Artikolu 33(e) imsemmi.

Fl-ahharnett, kwantu ghall-*quantum* tad-danni, din il-Qorti assolutament ma tistax taqbel mal-attur li ghandu jkun hemm awment f’dawn id-danni. Il-konvenuti, appena indunaw bl-izball taghhom ippublikaw l-ghada stess apologija, u anke ippublikaw kopja fidila (bl-Ingliz) tal-verbal li kien gie registrat mill-Magistrat sedenti fl-okkazjoni ta’ l-incident tal-20 ta’ Gunju, 1995. L-attur donnu issa qed jilmenta wkoll mill-fatt li l-konvenuti, fl-okkazjoni tal-apologija, irriproducew il-verbal tal-Qorti fl-intier tieghu. Din il-Qorti taqbel perfettament ma’ l-ewwel Qorti li, serja kemm kienet serja l-malafama in kwantu inghad li l-attur kien instab hati ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, l-apologija tempestiva tal-konvenuti ghall-izball taghhom, u l-fatt li l-izball kien verament wiehed genwin, kien ifisser li kellu jkun hemm temperament sostanzjali tad-danni. Anke l-appell incidentali qed jigi michud.

Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell tal-konvenuti kif ukoll l-appell incidentali tal-attur. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------